Kunsill Lokali –ISLA– Local Council

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## L-Għaxar LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 06

**30 t' Ottubru 2024**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar it-Tnejn 30 t' Ottubru 2024 fil-5:00 pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Joeline Attard - | Kunsillier |
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Corinne Buhagiar - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 06 għal-għaxar leġislatura

| | |
|---|---|
| **06.1** | **Qari ta' l-ittri ta' apologiji** |
| **06.01.01** | Ma kienx hemm. |
| **06.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 06.02.01 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 04 u numru 05 minuti tal-laqgħa pubblika, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta' imejl u ġew approvati mill-kunsilliera is-Sa. Corinne Buhagiar u ġew issekondati mill-Viċi Sindku s-Sur Anthony Bonavia. |
| **06.03** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 06.03.01 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera li fid-29 ta' Novembru ser ikun hemm il-laqgħa għas-sindki ġewwa Għawdex din iċ-ċirkolari Cir Akl 2024/070 intbgħatet fl-24 t' Ottubru 2024 sabiex issir laqgħa tas-sindki u attivita' ta' Teambuilding bejn id-29 ta' Novembru 2024 u t-30 ta' Novembru 2024. |
| 06.03.02 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera li intbgħatet imejl mill-Kottonera Foundation fejn kien hemm stedina għall-kunċert għall-Jum il-Kottonera fit-23 t' Ottubru 2024 fis-7.30 pm fil-knisja ta' Santa Tereza ta' Ġesu f' Bormla, din l-imejl intbgħatet lil kunsilliera kollha. |
| 06.03.03 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li għall-attivita tal-Halloween li ser issir fil-Pjazza 4 ta' Settembru u fil-librerija pubblika fil-31 t' Ottubru 2024 ser ikun hemm preżenti żewġ community police peress li ser tingħalaq l-pjazza sad-9:00pm. |
| 06.03.04 | Is-Sindku informa lil kunsillier li intbgħatet imejl minn għand is-Sa. Nicole Cutajar fejn iċ-Chairperson u l-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta qed jagħmlu stedina lil kunsilli lokali tat-tlett ibliet u l-Kalkara għat-tnedija tal-portal interattiv Tales of Cottonera, li jinkludi ġabra ta' kitbiet u materjal awdjo – viżiv, sew bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż, dwar nies u l-imkejjen tal-kottonera u l-Kalkara. Din il-laqgħa saret fuq il-Forti Sant Anġlu l-Birgu. |
| 06.03.05 | Is-Sindku informa mal-kunsilliera preżenti li l-permessi mill-planning dwar it-tender ta' Smart Road Technology li kienet intrebħet mill-kumpanija AIS issa ħarġu u l-kunsill qed jistenna No Objection mill- |

| | |
|---|---|
| | entitajiet ikkonċernati. Dan il-proġett suppost kellu jitlesta f' Ġunju iżda damu l-permessi biex inħarġu. |
| 06.03.06 | Is-Sindku preżenta imejl lill-kunsilliera minn għand is-Sa. Antoinette Schembri fejn l-iskola ta' St. Thomas More College St. Lucia jixtiequ li jorganizzaw Prom ġewwa l-Gardjola għas-sena 11 il-Ġimgħa fis-27 ta' Ġunju 2025 li jibdew mis-7pm sal-11pm. |
| 06.03.07 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti li fit-12 ta' Settembru saret laqgħa mal-Onor. Miriam Dalli, il-GHRC u l-Kunsill Lokali tal-Isla fejn ġie diskuss li ser issir substation u studju għal- lift mill-GHRC u l-Enemalta fi Triq is-Sur mil-ponta għall-letrina pubblika. |
| 06.03.08 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera dwar il-laqgħa li saret fit-28 t' Ottubru 2024 mil-istudenti li ltaqgħu ġewwa s-sala tal-kunsill u din kienet ta' suċċess. L-aġġornament għall din il-laqgħa ser tkun it-Tlieta fis-26 ta' Novembru 2024 bejn l-4.30 pm u is-6.00pm u ser jippresjedu laqgħa oħra fis-17 ta' Diċembru 2024 u wara l-kunsill ikollu laqgħa pubblika fis-6.30pm. |
| 06.03.09 | Is-Sindku informa lill-kunsilliera preżenti li s-sindki tal-kottonera bagħtu ittra liċ-Chairman tal-Fondazzjoni sabiex jiltaqgħu biex jiddiskutu għall-praparamenti tal-attivita tal-aħħar tas-sena iżda s'issa għad m'għandhomx risposta. Is-sindki tal-kottonera kienu ġibdu l-attenzjoni lil Ministru Owen Bonnici u lis-Segretarju Parlamentari is-Sa. Alison Zerafa Civelli fejn is-sindki ġibdu l-attenzjoni li fondi għall din l-attivita it-tlett ibliet u l-Kalkara m'għandhomx biżżejjed għal din l-attivita ta' l-aħħar tas-sena u kull kunsill rispettiv biex jagħmel din l-attivita jkun qed jitlef 13,000 ewro mill-fondi tar-Reġjun sabiex jagħmel attivita oħra fil-lokal rispettiv tiegħu. Għalhekk il-Gvern ta f'idejn il-Fondazzjoni Kottonera sabiex tieħu ħsieb din l-attivita. Aktar informazzjoni fil-laqgħa li jmiss. |
| 06.03.10 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera li ltaqa' mas-Segretarju Parlamentari is-Sur Glenn Bedingfield sabiex il-kunsill tal-Isla jkompli jtejjeb it-tindif tat-toroq permezz ta' knies u ħasil tat-toroq. Sakemm jiġi aġġudikat it-tender tal-knies ser tinħareġ direct order biex jinkinsu toroq nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ħamis bejn it-8:00pm u l-4:00pm u l-kumplament ser jinkinsu mill-ħaddiema tal-community workers li jieħdu ħsieb il-letrina u l-madwar. Il-Kunsilliera preżenti approvaw dan sakemm jiġi aġġudikat it-tender. |
| 06.03.11 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet il-kwotazzjoni li in]ar[et fuq is-sitema tal-EPPS : |

| | |
|---|---|
| | Call for Quotation for the Services of Landscaping and Irrigation System in an Environmentally Friendly Manner at the Gardjola Gardens, Senglea ISLC/CFQ/01/2024<br><br>fejn din il-kwotazzjoni applika għaliha kuntrattur wieħed fejn kien hemm kollox kif meħtieġ għalhekk issa jinxtraw il-pjanti minn entita tal-Gvern u l-kuntrattur jiffirma l-kuntratt u jibda dan is-servizz ta' tħawwil ta' pjanti u irrigazzjoni fil-Ġnien tal-Gardjola.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet l-evalwazzjoni tat-tender tas-servizz :<br><br>BULKY REFUSE COLLECTION SERVICE USING LOW EMISSION VEHICLE FOR THE ISLA LOCAL COUNCIL : ISLC/T/01/2024<br><br>fejn kien hemm tlett kuntratturi. L-Bord tal-evalwazzjoni talab kjarifika dwar il-prezz ta' Jimmy Muscat u wara l-evalwazjoni raw li din kienet l-irħas waħda. Il-Kunsilliera preżenti qablu mad-deċiżjoni tal-bord tal-evalwazzjoni li t-tender tas-servizz tal-Bulky tingħata lil Jimmy Muscat.<br><br>Is-Segretarjuj Eżekuttiv spjegat f'hiex wasal it-tender:<br><br>TENDER FOR STREET SWEEPING AND COMMUNITY CLEANSING IN AN ENVIRONMENTALLY FRIENDLY MANNER FOR THE ISLA LOCAL COUNCIL ISLC/T/02/2024<br><br>fejn spjegat li kien hemm sebgħa kuntratturi u erbgħa minnhom tefgħu l-istess prezz u dawn l-erbgħa kuntratturi li tefgħu l-istess prezz huma l-irħas għalhekk aktar hemm bżonn li din l-evalwazzjoni issir bir-reqqa għall kull dettal li intalab fit-tender biex jaraw li d-dokumenti kollha meħtieġa li intalbu ġew mgħoddija fis-sistema tal-EPPS. |
| 06.03.12 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera li hu flimkien mal-kunsilliera Joeline Attard u Segretarju Eżekuttiv ser jattendu għall-istedina tas-Sindku għall-festival ġewwa Karposh bejn l-1 u l-4 ta' Novembru 2024. Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet il-Per Diem Allowances għall-approvazzjoni tal-kunsilliera u dawn approvaw fl-iskeda ta' pagamenti aktar l-isfel f'dawn il-minuti f'punt 06.7. |
| 06.03.13 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li l-kunsill irċieva imejl mid-dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed japprova lil Rita Baldacchino fis-skala 11għalhekk ser jintbgħatu l-applikazzjoni mal-Jobs Plus biex jirrevedu l-iskala tas-Sa. Baldacchino mill-1 ta' Novembru 2024. |
| 06.03.14 | Is-Sindku ressaq imejl mibgħuta mis-Sur Matthew Castillo fejn qed jipproponi lil-kunsill biex jieħu ħsieb applikazzjonijiet għall-fondi li jkunu |

| | |
|---|---|
| | ħarġu mill-EU għall-prezz li jibdew minn 500 ewro sa 1600 ewro mingħajr VAT skond il-volum tal-applikazzjoni. Il-Kunsilliera preżenti qablu li l-manager li japplika għall-fondi għandu jitħallas wara li l-kunsill ikun intgħażel mill-EU għall-istess fondi u jkun jista jitħallas minn dawn l-istess fondi. |
| 06.03.15 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li Ambjent Malta ġew iduru ix-xatt fl-14 t' Otturbu 2024 mas-Sur Vella sabiex fejn hemm siġar li huma mejta jibdluhom minn fejn l-Enchante sal-ewwel gabbana. Il-Viċi Sindku is-sur Anthony Bonavia issuġġerixxa li fejn hemm siġra fejn l' slip way fin-naħa tal-gabbana Alice Spring Kiosk għanda tiġi gradilja bil-ħadid sabiex wheel chair ikun jista' jgħaddi komdu minn fuq din il-gradilja għax kif qeda preżenti wheel chair ma jgħaddiex jew jeħel fil-ħawt. Il-gradilja trid tinxtara mill-fondi tal-kunsill. |
| 06.03.16 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li ser issiru taħriġ minn Robotics fis-6 tad-Diċembru 2024 fl-iskola Primarja l-Isla u fit-12 ta' Diċembru ġewwa s-sala tal-kunsill tal-Isla. |
| 06.03.17 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li nhar it-tnejn 4 ta' Novembru 2024 ser ikun hemm laqgħa fit-3:00pm fil-kunsill tal-Birgu dwar il-ktieb Belt Kulturali 2031. Is-Sindku staqsa min jista jattendi sabiex jinforma lir-Reġjun. Il-Kunsilliera s-Sa. Corrinne Buhagiar ser tati risposta aktar tard jekk tistax tatendi għal din il-laqgħa. |
| 06.03.18 | Is-Sindku informa lil kunsilliera dwar l-attivitajiet tal-Milied:<br><br>L-Ikla tal-familja ser issir fid-19 ta' Diċembru 2024 ġewwa in-Nigret.<br>Il-Festin tal-Anzjani ser issir fil-21 ta' Diċembru 2024 ġewwa l-Azzjoni Kattolika ( Is-Sede )<br>Il-Festin tat-tfal ser issir fit-22 ta' Diċembru 2024 fis-sala tal-Forti San Mikiel.<br><br>Il-Kunsilliera preżenti qablu dwar dawn l-attivitajiet. |
| **06.4** | **Mozzjonijiet** |
| 06.04.01 | Mozzjoni Numru 01/2024<br><br>Seduta Numru 06/2024 (i)<br><br>Is-Sindku is-Sur Clive Pulis propona mozzjoni numru 1 għas-seduta numru 06/2024 biex il-fondi ta' l-iskema SPI/ SCI/08/2021 Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessibilita' u Mobilita' li kienu ġew trasferiti għall-proposta ġdida għall-aktar aċċessibilita' fi Triq il-Ponta jiġu trasferiti għall-proġett fit-taraġ u l-pilastri ta' Triq il-Miġja tal- |

| | |
|---|---|
| | Papa li qiegħed ta' periklu kif indikat fil-pjanti u r-rapport tal-perit Joseph Bugeja.<br><br>Il-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia issekonda<br>Il-Kunsilliera is-Sa. Corrinne Buhagiar, il-Kunsilliera is-Sa. Joeline Attard u l-kunsillier is-Sur Malcolm Gatt kienu favur din il-mozzjoni. |
| 06.04.02 | Mozzjoni Numru 02/2024<br><br>Seduta Numru 06/2024 (ii)<br><br>Is-Sindku is-Sur Clive Pulis propona mozzjoni numru 2 għas-seduta numru 06/2024 biex il-fondi tal-iskema VJAL KULĦADD wara li ġiet diskussa fil-laqgħa pubblika sabiex b'dawn il-fondi tinghalaq il-Pjazza 4 ta' Settembru (il-Venda tal-Linja) is-sindku iddiskuta ma l-awtoritajiet tat-Trasport Pubbliku u din mhux vijabli minħabba li hemm bżonn kontiwita' ta' fondi għaliex dan is-servizz irrid jibqa' sostenibli.<br><br>Għalhekk qed irressaq din il-mozzjoni sabiex dawn il-fondi VJAL KULĦADD jintużaw għall-studju ta' Provvista ta' ġbir ta' data / informazzjoni diġitali ta' kemm jidħol traffiku u illegalitajiet ta' parkeġġ ġewwa l-Isla.<br><br>Il-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia issekonda<br>Il-Kunsilliera is-Sa. Corrinne Buhagiar, il-Kunsilliera is-Sa. Joeline Attard u l-kunsillier is-Sur Malcolm Gatt kienu favur din il-mozzjoni. |
| **06.05** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 06.05.01 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Ġużepp<br>Isla<br><br>Jiena Anthony Bonavia nixtieq insaqsi lis-sindku / segretarju eżekuttiv jekk tistax issir zebra cross fi Triq il-Vitorja quddiem il-monument minħabba is-sigurta ta' l-anzjani.<br><br>Is-sindku informa lis-Sur Anthony Bonavia li serr jinforma lil TM jekk tistax issir din iz-zebra cross skond ir-regolamenti tat-TM. |

| | |
|---|---|
| **06.06** | **Rapporti** |
| 06.06.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl ir-Rapport Finanzjarju għat-tielet kwart fejn ġie approvat mill-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mill- kunsillier is-Sur. Malcolm Gatt. |
| 06.06.02 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl rapporti tal-*Purchase Order* ta' Settembru 2024 u l-petty cash ta' Settembru 2024 fejn ġew approvati mill-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mill- kunsilliera is-Sa. Corinne Buhagiar. |
| **06.07** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 06.07.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 10/2024 għal-għaxar leġislatura fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mill-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mill- kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **06.08** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 06.08.01 | Is-Seduta ntemmet wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 27 ta' Novembru 2024 fil-5:00pm |

Konfermati, illum 27 ta' Novembru 2024

Clive Pulis
Sindku

Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv